# 21. L-Astronawti

Id-dinja qdiemet,
u għadda ż-żmien
ta' Raliegh u ta' Cook u ta' Colombo;
ma fadalx x'tikxef,
u spiċċa s-seħer
ta' dak li mhux magħruf;
id-dinja saret globu,
u aħna sirna ħut tal-ilma ħelu
telgħin neżlin ġo fih,
qoffa tielgħa
u oħra nieżla …

Iddejqu ż-żgħażagħ
mingħajr xejn ġdid;
il-ġuvintur ħallew xagħar twil bħan-nisa,
it-tfajliet libsu l-jeans qishom irġiel!

Iżda
fuq l-orizzont
qiegħed ifiġġ dawl ġdid
id-dawl tal-Astronawti!
Sejrin noħorġu
minn dan il-ħabs tad-dinja!
Bħall-baħar quddiem Ulisse
hemm l-univers quddiemna
jistieden għas-safar,
jimliena bit-tama!

2/12/67